**KUNSILL LOKALI** SLIEMA **LOCAL COUNCIL**

**Depiro Street, Sliema SLM 04**

**Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33**

Ref: Seduta 2# 19/04/06/V/E

# MINUTI TAT-TIENI SEDUTA

**It-Tieni Seduta** tal-Hames Kunsill Lokali ta' Sliema nzammet nhar **l-Erbgha 19 t'April 2006**, fl-Ufficcji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku : | Marina Arrigo |
| Il-Vici Sindku : | Albert Bonello Dupuis |
| Kunsilliera : | Marianne Aquilina |
| | Margaret Azzopardi |
| | Michael Briguglio |
| | Martin Debono |
| | Nikki Dimech |
| | Luke Vella. |

Is-Seduta bdiet fl-4.30p.m. b'din l-Agenda.

## AGENDA

1. Qari u Approvazzjoni ta'Minuti.
2. Materji konessi mal-Minuti.
3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u hlas ta'pagamenti).
4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Ezekuttiv.
5. Rapporti Finanzjarji.
6. Ghoti ta'offerti (Perit).
7. Xoghlijiet fi Triq Santa Marija.
8. Hinijiet tal-Gwardjani lokali.
9. Parkegg riservat.
10. Parkegg ghar-residenti.
11. Affarijiet ohra hekk urgenti.

Fil-bidu tas-seduta saret talba mis-Segretarju Ezekuttiv.

**1. Qari u Approvazzjoni ta'Minuti.**

1.1 Il-minuti ta' l-ewwel seduta kienu mehuda bhala moqrija u wara li gew approvati gew iffirmati mis-Sindku s-Sinjura M.Arrigo.

**2. Materji mill-Minuti.**

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill Kunsill li fl-elezzjoni kazwali li kienet saret wara nofs in-nhar is-Sur Julian Galea gie elett bhala kunsillier f'isem il-Partit Nazzjonalista, biex jimla' il post vakant tal-ex-Kunsillier Michael Pace Ross.

**3. Komunikazzjonijiet (Korrispondenza u Hlas ta'Pagamenti).**

3.1 Is-Segretarju ressaq talba ffirmata minn diversi residenti biex parti minn Triq Nazzarenu tigi pedestrijanizzata billi tinkesa b'paviment u jsiru xi bankijiet u sigar fil-hwat. L-ispejjes ghal dan ix-xoghol kien ser jsir mis-sid tal-flats li kienu nbnew f'dik il-parti tat-Triq.

3.2 Il Kunsill ghalkemm qabel fil-principju dwar dan il-progett ried jara jekk hux ir-residenti kollha kienu jaqblu li jsir dan ix-xoghol u ried li jkollu iktar dettalji kif ser jintlaqtu l-garaxxijiet li kien hemm fit-Triq. Ghalhekk iddecieda li ssir laqgha mas-Sid biex jghati iktar dettalji. Il-Kunsill kellu ukoll jghamel studju ta' l-erja qabel jiddeciedi.

3.3 Inqraw zewg ittri mibghuta mill-Awtorita' dwar it-Trasport dwar konsultazzjoni fuq il-progett ta'toroq li kien ser jsir fix-Xatt, Tigne, u Qui si-Sana. Il-Kunsill gie mitlub biex jghamel is-suggerimenti u il-Kummenti tieghu sat-28 ta'April. Il-Kunsillieri M.Briguglio u M.Debono kienu ser jghatu xi suggeriment sas-27ta'April biex jkunu jistghu jintbghatu lill Awtorita'.

3.4 Talba ohra mill-Awtorita' dwar it-Trasport kienet biex issir laqgha dwar *'Horse Cab Stand'* fix-Xatt. Din it-talba diga' kienet saret qabel u l-Kunsill precedenti ma kienx qabel minhabba fl-irwejjah li jistghu jinholqu fil-post. Il-Kunsillier M.Briguglio qal li huwa minhabba fis-sahha u mohqrija tal-annimali kien jaqbel li jkun hemm *Horse Cab Stand* f'Tas-Sliema.. Gie deciz li jsir appuntament ma l-Awtorita' dwar it-Trasport.

3.5 Inqrat ittra mibghuta minn Camilmac Services Ltd., biex issir *Marquee* fuq il-bankina tax-Xatt faccata tal-*Portside Bar* bejn il-5 ta'Gunju u l-15 ta'Lulju 2006 biex fiha juru il-loghbiet tat-Tazza tad-Dinja. Il-Kunsill ma qabilx ma kif inhi l-proposta imma huwa miftuh ghall-diskussjoni. Ridna naraw ukoll li ma jintalbux iktar permessi ghaliex inkella jista' jittiehed hafna mill-post li juzaw in-nies. Il-Kunsill ried jara ukoll li ma jsirx xi bar fuq il-post. Ghalhekk kellu jintalab iktar dettalji u jekk il-Kunsill jiddeciedi favur kellha tithallas it-tariffa necessarja.

3.6 Inqrat risposta mibghuta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar ic-cens tal-*Magic Kiosk.* Dan kien maqsum fi tnejn. L-Ewwe parti kien ghalaq fit-12 ta'Frar 2004 u l-iehor jghalaq fis-19 ta'Dicembru 2008. Il-Kunsillier L.Vella qal li Kunsill ta'qabel kien xtaq li meta jispiccaw dawn ic-cnus il-Pjazza terga tigi riabilitata kif kienet qabel. Il-Kunsill ghallhekk iddecieda li tintalab laqgha mal-Kummissarju ta' l-Artijiet biex tigi diskussa din il-Pjazza kif ukoll il-ghoti ta'permessi ghall-imwejjed fil-promenade ta'Ghar d-Dud.

3.7 Inqrat e-mail mibghuta mis-CMRU tal-Korp tal-Pulizija fejn offrew is-servizzi taghhom biex jsiru laqghat informattivi ghar-residenti dwar Drogi, serq, sewqan ahjar, abbuzi fuq it-tfal u adulti etc. Il-Kunsill qabel ma din il-kampanja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fl-laqgha li kienet saret fi zmien il-Kunsill l-iehor mal-Kappillani tal-Parrocci kollha f'Tas-Sliema kien gie deciz li jsiru laqghat specjalment ghall-Anzjani fejn jinghata dan it-taghrif. Il-Kappillani kienu qablu li dawn jsiru fis-swali parrokkjali rispettivi. Kien gie suggerit mill-Pulizija li l-Kunsill jista' jissponsorja lill anzjani *Eyeholes* u *katina* li jitwahhlu mal-biebien ta'barra. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u kellu jara l-prezzijiet ta'dawn l-oggetti. Dawn kellhom jinghataw lill dawk li jitolbu li jkunu ghalqu s-sebghin sena.

3.8 Inqrat ittra mibghuta mill-Ministeru ghall-affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar attivitajiet f'*Jum L-Ambjent* li kien ser jsir is-Sibt 3 u il-Hadd 4 ta'Gunju bejn il-5.oop.m. u il-11p.m. fi Gnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita'.

3.9 Inqraw diversi ittri mibghuta minn diversi Kazini tal-baned tal-Lokal u ndividwi biex jinghataw ghajnuna ghall-attivitajiet kulturali li kienu ser jorganizzaw. Il-Kunsillier L.Vella qal li kellna nghamlu budget wiehed ghall-dawn l-attivitajiet u il-Kunsill jorganizza l-attivita' mal-Kazin rispettiv. Il-hlas jkun ta'kulhadd l-istess ghall-attivitajiet li jsiru matul is-sena kollha, u ghandhom jsiru kundizzjonijiet li kulhadd jrid jimxi maghhom, specjalment il-Kunsill ghandu jesigi li ma jitwahhlux posters ma' hitan u biebien tan-nies. F'kaz li dawn il-kundizzjonijiet jinkisru il-hlas ghall-attivita' ma jsirx.

3.10 Inqrat talba mill-Kumitat tal-Banda Balluta biex issir laqgha mal-Kunsill dwar l-ilmenti li kellna mir-residenti fuq l-istorbju li gieli jkun hemm fil-Kazin matul il-lejl. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgha.

3.11 Inqrat talba mill-Azzjoni Kattolika tal-Parrocca San Girgor ghall-ghajnuna finanzjarja biex jittaffew l-ispejjes li saru biex inkesa il-Ground tal-futball bit-Turf artificjali. F'dan il-post kienu jiltaqghu it-tfal u z-Zaghzagh ta'Tas-Sliema u l-Kunsill kellu jinkoragixxi x-xoghol li jsir f'postijiet bhall-dawn. Il-Kunsill kellu jiddeciedi f'Seduta ohra wara li jkun ghamel il-Budget ghas-sena finanzjarja 29006/2007.

<u>Hlas ta'Pagamenti.</u>

3.12 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-hlas ta'pagamenti ghax-xahar ta'Marzu li kien jkopri cekk Nru.7533 sa cekk Nru.7591. Dawn wara li gew approvati gew iffirmati minn zewg Kunsillieri.

<u>4. Komunikazzjonijiet / mistoqsijiet lis-Sindku / Segretarju Ezekuttiv.</u>

4.1 Xi Kunsillieri rrimarkaw li l-kollettur tal-iskart domestiku kien qieghed jigbor l-iskart u jqghedu fis-*Soft Areas* sakemm jingabar. Il-kuntrattur kellu jkun infurmat biex dan l-abbuz jieqaf immedjatament. Gie deciz ukoll li tintbghat ittra lil hwienet ta'Triq Bisazza biex ma johorgux zibel u kaxxi fit-triq hin twil qabel ma ssir il-gabra ta' l-iskart. Is-sidien tal-hwienet kellhom jkunu mhegga li jitolbu lill Wasteserve biex jiehdu il-kaxxi tal-kartun li jkollhom. l. Iskart tal-hwienet huwa responsabbilta' tas-sidien tal-hwienet.

4.2 Il-Kunsillier M.Debono staqsa kif baqghet il-posizzjoni tas-Sur Edward Cuschieri li l-Kunsill kien iddecieda li ghandha issir talba pubblika ghas-servizz li kien jghati. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li huwa kien kiteb lis-Sur Cuschieri u nfurmah bid-decizzjoni tal-Kunsill. Minn naha tieghu huwa kien ipprezenta r-ricevuta fiskali kif kien mitlub. Il-Kunsill baqa' jsostni d-decizzjoni li kien ha u kellu jitlob ghall-dan is-servizz jekk is-Sur Cuschieri kien ser jibqa jithallas. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo kellha tinforma b'dan lis-Sur Cuschieri.

4.3 Il-Vici Sindku A.Bonello Dupuis staqsa dwar il-katina li kienet tqeghdet quddiem il-Marina Hotel. Huwa stqsa jekk kellux permess biex jghamel dan. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo wiegbet fin-neggattiv u diga' kienet infurmat lill management biex din il-katina titnehha. Kellhom jintbghatu il-wardens il-Marina hotel dwar din il-katina u dwar l-imwejjed mahruga bla permess mill-Kafe' San Paolo.

4.4 Il-Kunsillier Nikki Dimeck qal li l-barman tal-Kazin tal-Banda Stella Maris ilmenta mieghu li meta jkun hemm il-monti fi Pjazza Annunzjata t-trukkijiet li jgibulu l-affarijiet ma jkunux jistghu jipparkjaw fil-post. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill Kunsill li waqt il-hin tal-monti hemmhekk huwa riservat ghall-bejjiegha u n-nies, ghalhekk xoghol bhall dan ghandu jsir fil-jiem meta ma jkunx hemm monti.

4.5 Il-Vici Sindku A.Bonello Dupuis qal li l-pole li kien hemm ghall-GPO van kien tnehha.

4.6 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kienu qeghdin jsiru talbiet biex faccata ta' garaxxijiet jsiru linji sofor ghax jghidu li ma jkunux jistghu jidhlu fil-garaxx ghax uhud mill-biebien huma dojoq jew ghax it-triq dejqa. Hija qalet li jekk ser nibqghu nilqghu talbiet bhall dawn konna ser nispiccaw biex nitilfu nofs il-parking ghar-resisdenti. Ma kienx sew li minn jibni ma jiehux hsieb li jghamel il-biebien wiesgha bizzejjed biex jkun jista' jidhol u johrog liberament. Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa minn ma jkunx jista' jidhol x'ser jghamel ? Il-Vici Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis u l-Kunsillier L.Vella u Michael Briguglio qalu li qabel ma jitnehhew linji bhall dawn riedna niehdu parir legali. Il-Kunsillier M.Briguglio qal li huwa ma jaqbilx li ncahhdu lis-sidien li jidhlu fil-garaxx. Gie Deciz li sa seduta ohra jigi mitlub parir legali u mbghad il-Kunsill jkun jista jiddeciedi.

4.7 Il-Kunsillier L.Vella staqsa xi taghrif dwar id-dekasteru tieghu. Huwa qal li fil-legislatura l-ohra kien sar Kunsill ta' l-Anzjani li fil-fatt kien qieghed anke jorganizza l-hargiet kulturali. Huwa qal li l-Kultura issa kienet taqa' taht id-dekasteru tieghu u tal-Kunsilliera M.Aquilina u ghalhekk ix-xoghol li kien qieghed jghamel dan il-kunsill kien jidhol fix-xoghol tad-dekasteru taghhom. Huwa fahhar l-inizjattiva u x-xoghol li wettqu dawn in-nies u kien japprezza l-inizjattiva taghhom. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li biex ix-xoghol ma jkunx duplikat tajjeb li l-Kunsillieri M. Aquilina u L.Vella jiehdu hsieb d-dekasteru ta' l-Anzjani u jkun fid-dover taghhom li jorganizzaw dan il-Kunsill u l-attivitajiet kollha taghhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.8 Il-Kunsillier M.Briguglio talab biex issir oggezzjoni mal-Mepa ghall-bini li kien se jsir f'Nru 26, 26a Triq Stella Maris. Il-Kunsill qabel li din l-oggezzjoni tintbghat.

4.9 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa dwar il-pjanti tal-Progett tal-Pjazzetta u talab li jingiebu mill-MEPA biex naraw x'kien se jsir f'dan il-progett li nghad li kien ser jkun gholi 15 il-sular.

4.10 Il-Kunsillier M.Briguglio rega' staqsa dwar il-progett tal-Galaxy u dwar il-grada li kellha titwahhal fid-dahla biex jitnehha l-periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill li s-sid tal-progett kien wieghdu li din il-grada kienet ser titwahhal illum stess. Inghad li dawn is-sidien kienu jikkoperaw hafna mal-Kunsill u gie suggerit li ssir laqgha maghhom biex nitkellmu dwar dawn l-inkonvenjenti. Kellna ninfurmaw lill enforcement officer u l-Health and Safety biex jiehdu l-passi necessarji u jittiehdu l-mizuri kollha biex jitnehha l-periklu.

4.11 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li kellu taghrif li l-Appell li sar mill-Kunsill lill MEPA dwar id-dar Nru.1, Triq Ghar il-Lembi, se jinstema fit-26ta'April fl-4.00p.m. Gie deciz li l-Kunsill jattendi dan l-appell.

4.12 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa x'kien sar mill-Cats Cafe'. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ridna nsibu mastrudaxxa li jghamel dan ix-xoghol.

4.13 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa dwar is-Sigra tal-Luq li familja fi Triq Viani riedet taghti lill Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill li din kienet ittiehdet mill-E.L.C.

4.15 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa dwar l-arbli li saru quddiem *id-Diveshak* fi Qui Si-Sana, jekk dawn kienux bil-permess. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li konna ktibna lis-sid biex jghatina l-informazzjoni mehtiega u f'kaz li ma ghandux permessi jkun mitlub li jnehhi dawn l-arbli.

4.16 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li jixtieq li ssir kompetizzjoni ghar-residenti li jkollhom l-ahjar gallarija jew parapett imzejjen bil-fjuri u pjanti u jinghata xi trofew lir-rebbieha. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.17 Il-Kunsillier M.Debono qal li hdejn 124, Triq Blanche Huber, hemm bzonn li ssir Sleeping Policeman. Il Kunsill qabel ma dan u gie deciz li jintuzaw Sleeping Policeman tal-Plastic.

4.18 Il-Kunsilliera M.Aquilina qalet li kellha ilment mir-residenti ta' Triq il-Hnejja li kien hemm bzonn jsir xi haga biex ma jibqax jinzel l-ilma kollu li jkun hemm f'toroq ohra f'din it-Triq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li filghodu kien mar fuq il-post ghax kellu dan l-ilment u jidher li kien mehtieg li issir bhall hotba tal-konkos biex l-ilma ma jkomplix jaqleb f'din it-trejqa u minn hemm jmur fi Triq Manwel Dimech. Gie deciz li l-Kunsillieer M.Debono u s-Segretarju Ezekuttiv jmorru fuq il-post u jaraw x'jista' jsir u titiehed decizzjoni f'Seduta ohra.

4.19 Il-Kunsillier M.Debono qal li kienu gew sottomessi pjanti godda ghall-progett ta'Qui Si-Sana, u staqsa jekk il-Kunsill kellux kopja. Is-Segretarju wieghed fin-negattiv.

4.20 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kienet se terga' titlob lill Awtorita' dwar it-Trasport biex jerga' jibda s-servizz tal-Karozza Nru 61.

4.21 Il-Kunsilliera M.Aquilina qalet li kellha nformazzjoni li fi-Triq Depiro kantuniera ma Triq Isouard kien se jinfetah kazin tal-Banda. Hija staqsiet jekk il-Kunsill kienx infurmat ufficjalment b'dan u jekk kienx sar permess lill Mepa ghall-ftuh ta'dan il-kazin. Hija kienet qed tghid dan ghaliex diversi residenti kienu qed jistaqsuha u ma tafx x'se twiegeb. Gie deciz li nistaqsu lill MEPA biex naraw jekk sarx xi permess ghall-*change of use* (min residenza ghall-kazin). Dettalji jinghataw f'Seduta ohra.

Saret sospenzjoni tar-regolamenti biex gew diskissi items ta' l-Agenda qabel ohrajn. Fuq dan kien hemm qbil.

**5.Parkegg Riservat.**

5.1 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li l-problema tal-Parkegg riservat riedet tigi solvuta kemm jista' jkun malajr. Kien hemm hafna tgergir li kienu qeghdin jinghataw dawn il-parkeggi lill nies li ma kienx jisthoqqilhom. Il-Kunsillier L.Vella qal li l-ex Kunsillier M.Pace Ross kien ghamel rapport dwar dawn il-parkeggi u kellna ninsistu ma l'Awtorita' dwar it-Trasport biex jkollna diskussjonijiet fuq din il-Problema. Il-Kunsill kollu kien tal-fehma li kellha ssir review ta'dawn il-parkeggi riservati u jitnehhew dawk li ma jkunux jikkwalifikaw ghalihom. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq zewg applikazzjonijiet godda li ghalihom il-Kunsill diga kellu r-rapport tat-tabib. Wiehed kien ta'Eve Portelli ta'29 sena li toqghod 3, Tregant Court, M.Pulis Street, li kellha *severe mobility*, u l-ohra ta' Rita Naudi ta' 83 sena li toqghod 32, Triq Sant.Agata, li l-mobilita' taghha *hija moderata*. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jissugerixxi lil Awtorita' li ta' l-ewwel biss ghandu jinghata permess.

Fis-6.15 il Vici Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis halla s-Seduta.

**6. Parkegg ghar-Residenti.**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Awtorita' dwar it-Trasport kienet approvat l-iskemi ta'parkegg ghar-residenti li konna diga ressaqna. Huwa qal li ridna nghazlu iktar toroq biex jsiru s-surveys necessarji u jintbghatu ghall-approvazzjoni. It-Toroq kienu Leone, Falzon, Guze' Ellul Mercer, San Gwann Battista, Il-Freres, San Alfons, is-Salvatur, San Gwann Bosco, Dun Mikiel Rua, Windsor, Graham, Luzio, Milner, Ghar d-Dud u Ghar il-Lembi. Il-Kunsill ma qabilx li din l-iskema ta'parkegg tkun marbuta mal-parrocci u l-istickers tar-residenti jkunu ta'kuluri differenti. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-iskema tkun ghall-Tas-Sliema kollha l-istess.

**7.Hinijiet tal-Gwardjani Lokali.**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-hin tal-gwardjani lokali. Gie deciz li hin li jkollna dan is-servizz jkun bejn id-9.00a.m. u s-7.00p.m. Fis-sajf nitolbu servizz ghall-dawk li jinzlu jipparkjaw fuq il-blat taht it-Torri, u fejn kien il-Jumbo lido ghall tlett sieghat u l-hinijiet jitbiddlu u jibdew fit-8.30p.m. L-Ammont ta' s-sieghat li nehhejna jistghu jibdew jintuzaw mill-*Green Wardens*. Ghandna nitolbu ukoll servizz filghodu li jibda fil-5.30a.m. biex issir sorveljanza specjalment fuq il-blat ghall dawk li johorgu il-klieb jhammgu. Is-Sibtijiet ghandu jintalab rapport ghall dawk li jkollhom il-krejnijiet bla permess. Jkun tajjeb li jsiru kundizzjonijiet iebsa biex hadd ma jahsel il-bajli fit-triq. Is-Sindku s-Sinjura M. Arrigo kellha titlob laqgha mal-Ufficcjal Awtorizzat biex tinfurmah b'dawn id-decizzjionijiet tal-Kunsill.

**8. Xoghlijiet fi Triq Santa Marija.**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma kienet se taghmel xoghlijiet fit-Toroq Santa Marija, il-Karmnu, il-Knisja, u San Gwann Battista. Minhabba li kienu se jinbidlu il-mains u t-tqabbid tad-djar il-bankini u t-toroq kienu ser jkunu sfrakasati bit-trinek li kienu se jsiru fihom. Ghalhekk il-Kunsill kellu jara jekk jkunx f'posizzjoni li jsiru il-bankini u t-tarmak mill-gdid. Il-Kunsillier M.Debono qal li mhux sewwa li minhabba fil-korporazzjoni ta' lilma il-Kunsill qieghed jidhol f'dawn l-ispejjes. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan ix-xoghol huwa urgenti ghaliex ir-residenti ma ghandhomx pressa ta' l-ilma u fis-sajf kulhadd jcempel il-Kunsill biex nibghatulu il bowzer ghaliex ilma ma jkollomx. Hija verita' kif qal il-Kunsillier M.Debono, imma l-Kunsill l-iktar li jista jhalli t-triq kollha trinek u tinghata resurfacing temporanju u dawk il flus jinhlew. Ghalhekk il-Kunsill ta'qabel kien nefaq hafna flus fit-toroq ghax dawn saru sew bis-servizzi b'kollox. Il-Kunsill qabel li jekk jkun f'posizzjoni finanzjarja tajba din it-Triq issir sew mill-ewwel. Kellha ssir stima mill-Perit biex naraw x'ser tiswa u wara titiehed decizzjoni.

**9. Rapporti Finanzjarji ghax-xhur Dicembru 2005 / Marzu 2006.**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni r-rapport ta' kull tlett xhur ghal-Dicembru 2005/Marzu 2006 li jghalaq is-sena finanzjarja tal-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsill stieden lis-Sur Chris Vella l-accountant tal-Kunsill li spjega il-qaghda finanzjarja tal-kunsill kif tirrizulta fil-31 ta'Marzu 2006. Huwa qal li l-indikatur finanzjarju qieghed tajjeb anke jekk wiehed jara li fil-kontijiet iddahhal item ta'hlas ta'krejn u ngombru fit-toroq li forsi jidher dubjuz. Fil-kontijiet ittiehdu l-prekawzjonijiet kollha u ittiehed akkont ghall-kull riskju li jista jkun hemm. Inghatat lista ukoll tal-kredituri u d-debituri kollha li kellu l-Kunsill fil-31ta'Marzu 2006.

9.2 Il-Kunsillier Nikki Dimech apprezza x-xoghol metikoluz li ghamel l-accountant fi zmien qasir l-iktar meta wiehed jiftakar li s-sena finanzjarja taghlaq fil-31ta'Marzu.

9.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ta'spjegazzjoni dwar dak li kien issemma dwar il-hlas dubjuz tal-krejn u ngombru fit-triq li Polidano Bros kellhom fuq propjeta' pubblika f'Ghar d-Dud hdejn il-preluna. It-taghrif li kellu hu li madwar tlett snin ilu kien sar ftehim verbali imma kienu prezenti x-xiehda Ian Farrugia forman ta'Polidano u s-Sinjura Althea Muscat E.O fil-Kunsill, li flok ma jithallasu flus kontanti jsir xoghol ta'tarmak u bankini fit-toroq Gorg Borg, Dun Karm Psaila, Karm Galea, Guze' Howard. Dan l-ammont kien ta' iktar min Lm80,000. Dwar dan il-ftehim il-Vici Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis u Is-sinjura A.Muscat kienu ghamlu Affidavit quddiem in-Nutar Timothy Ellis.

9.4 Il-Kunsillier M.Debono qal li huwa ma kienx jaf b'dan il-ftehim u lanqas kif intghazlu t-toroq biex jsir ix-xoghol fihom. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dwar it-toroq huwa mmaterjali ghaliex flok dawk jistghu jsiru toroq ohra.

9.5 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li dan il-Kunsill ghandu jibda pagna gdida u ghalhekk ma ghandux jghamel tajjeb ghall xi progetti li ma humiex elenkati fir-rapport finanzjarju.

9.6 Saret din il-mozzjoni proposta mis-Sindku s-Sinjura M.Arrigo li tghid 'Il-Hames Kunsill mhux qieghed jiehu responsabbilta' ghall-kontijiet u ghall-kull ftehim li ma kellux l-approvazzjoni tar-Raba' Kunsill u li ma jafx bihom u ma kienux imnizzlin fir-rapport tat-tlett Xhur Jannar / Marzu 2006 ipprezentat fit-Tieni Seduta llum 19 ta' Jannar 2006'. Din il-mozzjoni giet sekondata mill-Kunsillier M.Debono. Il-Kunsillieri kollha kienu favur.

9.7 Ir-Rapporti Finanzjarji u il-Financial Indicators kienu approvati u ffirmati mis-Sindku s-Sinjura M.Arrigo u s-Segretarju Ezekuttiv.

**10. Ghoti ta'Offerti (Perit).**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien importanti li l-Kunsill jghazel Contract Manager (Perit) biex jiehu hsieb jmexxi x-xoghlijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill precedenti kien ghadda minn trawma ghaliex il-periti li kellu ma kienux jghamlu sorveljanza bizzejjed tax-xoghlijiet li kien jghamel Polidano u kienu anke ccertifikaw xoghlijiet li wara kellhom jinqalghu. Huwa qal li l-Kunsill kien hareg sejha ghall-offerti u kienu applikaw erba' individwi jew ditti li kienu Med.Developers and Designers Consultants Ltd. li talbu 3.7%, MP. & DC. Malta Planning & Design Consultants 4.72%, EMDP : 1.5% + Vat jew Lm250 + Vat fix-Xahar, Design & Technical Resources Ltd. 2.5% + Vat.

10.2 Il-Kunsillier M.Debono talab biex jara l-offerti. Huwa qal li trid iz-zmien biex tevalwa offerti bhall dawn biex tara sew x'qed joffru. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien sar Bord ghall-evalwazzjoni ta' l-offerti imma ghalkemm saru tentattivi il-bord ma kienx iltaqa'. U kien gie deciz li din l-offerta tinghata mill-Kunsill il-gdid.

10.3 Il-Kunsillier L.Vella qal li ma nistghux noqghodu nistennew iktar minghajr ma jkollna perit. Huwa qal li l-Perit li kien ghamilna r-rapporti tal-Patching kien ghamilna bicca xoghol efficjenti u minghajr biza u tlaqliq qal dak li kellu jghid. Huwa ssugerixxa li l-offerta tinghata lilu. Ma dan qabel ukoll il-Kunsillier M.Briguglio.

10.4 Il-Kunsillier M.Debono baqa' jinsisti li issir evalwazzjoni sewwa. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li ma ssibx oggezzjoni. Inhatar Bord li kien kompost mis-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, il-Kunsillier M.Debono u s-Segretarju Ezekuttiv Lino Bartolo li ser jghatu rapport f'Seduta ohra. Sadanittant il-Kunsill jkompli jahdem bil-Perit provizorju.

**11.Affarijiet Ohra jekk Urgenti.**

11.1 Il-Kunsill unanimament qabel li kemm jista jkun laqghat ma Dipartimenti u Ministeri kif ukoll laqghat ta'certa mportanza jibdew jsiru nhar ta' Erbgha wara s-saghtejn ta' wara nofs in-nhar.

11.2 Is-Sindku s-Sinjura M. Arrigo qalet li kellha diversi lmenti dwar il-gbir tal-iskart domestiku. Hija qalet li l-hin ma kienx tajjeb. Saru diversi suggerimenti biex dan jibda jingabar fl-10.00a.m., fis-7.00pm., u fid-9.00p.m. Wara diskussjoni twila il-Kunsill ra li biex l-iskart jibqa barra mill-inqas l-ahjar hin jkun ta' l-10.00a.m. Kellna nkellmu lill Kuntrattur u ghandhom jsiru avvizi fil-magazine, stqarrija ghall-istampa, u avvizi fin-notice board. Dan ix-xoghol kellu jibda fl-1ta'Lulju 2006.

11.3 Is-Sindku qalet li kien qed jkollha xi problemi ma xi ndividwi dwar hlas ta'krejns, ngombru, u reklami fit-Toroq. Il-Kunsill unanimament qabel li jhalli fid-deskrizzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju Ezekuttiv x'kundizzjonijiet jaghmlu fl-ahjar interess tal-Kunsill.

11.4 Il-Kunsillier M.Debono qal li xtaq li jkollu kompjuter fl-ufficcju tal-Kunsilliera. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo offrietlu li meta jrid juza l-Computer u l-Ufficcju taghha.

Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo ghalqet is-Seduta fis-7.45p.m.

Lino Bartolo
Segretarju Ezekuttiv

Marina Arrigo
Sindku.

Minuti

KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL

Depiro Street, Sliema SLM 04, MALTA
☎ (+356) 21 33 76 33 Fax: (+356) 21 34 53 33
e~mail: sliema.lc@gov.mt

[redacted]
Our Ref: SLC/ lb87/2005
Your Ref :

**Lis-Sindku**
**Lill-Viċi-Sindku**
**Lill-Kunsilliera kollha.**

17 ta' Mejju, 2006

Għeżież,

Qiegħed nibgħatilkom *draft* tal-minuti tal-aħħar seduta. Nitlobkom li tarawhom u f'kaz ta' xi diffikulta' jew tibdil, tagħmlu dan bil-miktub sa mhux iktar tard mil-15 ta' Gunju 2006 f'nofs in-nhar. F'kaz li dan ma jsirx inqis li ma hemmx korrezzjonijiet.

Inselli għalikom u nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom,

**Lino Bartolo**
**Segretarju Eżekuttiv**